**22 ta' Ġunju, 1989**

**Imħallef: –**

**Onor. Prof. Wallace Ph. Gulia B.A., LL.D. B.Sc., Ph.C., M.A.(Admin)(Manch) D.P.A.(Lond)**

Il-Pulizija

*versus*

Joseph Grixti

## Rikuża ta' l-Imħallef

*F'dan il-każ il-Qorti rriteneiet li ma hemmx lok ta' rikuża għax fis-sentenza l-Qorti kienet għamlet biss enunċjazzjoni tal-prinċipji legali bla ma kienet għaddiet biex tapplika dawk il-prinċipji fir-rigward ta' l-akkużat fil-kawża.*

Il-Qorti: –

Rat l-eċċezzjoni tar-rikuża ta' l-Imħallef sedenti prospettata mill-għaref prosekutur fl-udjenza tat-12 ta' Ġunju 1989 in kwantu bis-sentenza tas-16 ta' Marzu, 1989, din il-Qorti kif

preseduta ddeċidiet ukoll il-mertu jew parti mill-mertu ta' l-appell ta' l-appellant u dan kif jidher ċar mill-paragrafu ta' qabel ta' l-aħħar ta' l-istess sentenza, liema paragrafu jagħmel ċar u tond li ċerti disposizzjonijiet tal-liġi ma japplikawx għall-każ odjern meta l-mertu ta' l-Avukat Ġenerali huwa proprju fuq dan il-punt;

Rat l-artikoli tal-liġi li għalihom il-Prosekuzzjoni rreferiet;

Reġgħet rat is-sentenza tagħha tas-16 ta' Marzu, 1989 fl-ismijiet Il-Pulizija kontra Joseph Grixti;

Ikkunsidrat li l-artikolu tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) applikabbli fit-termini stretti tat-tieni *inċiż (2) ta' l-artikolu 446 tal-Kodiċi Kriminali* (Kap. 9) (i.e. ir-rikuża tista' tkun eżerċitata biss għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 734 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili) jikkontempla r-rikuża ta' l-Imħallef f'każ:

"(d) (ii) jekk il-kawża kienet ġà ġiet quddiemu bħala imħallef jew bħala arbitru:

Iżda dan ma jgħoddx għal deċiżjoni, mogħtija mill-imħallef, meta ma tkunx qatgħet defnittivament il-mertu fil-kwistjoni bejn il-partijiet.....";

Is-sentenza preliminari tal-Qorti tas-16 ta' Marzu, 1989 ċertament għamlet enunċjazzjoni tal-prinċipji legali in materja, iżda ma kinitx għaddiet biex tapplika dawk il-prinċipji fir-rigward ta' l-akkużat fil-kawża, anzi l-kawża b'dik is-sentenza kienet differita biex il-Qorti, "terġa' tisma' l-kawża, mill-ġdid fil-mertu", konsegwentement jidher ċar li japplikaw il-provvedimenti ta' l-"iżda"/tal-*proviso* "meta ma tkunx qatgħet

definittivament il-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet'';

Konsegwentement, ma jidhirx li dan hu każ li jaqa' fil-limiti msemmija fl-artikolu 734(d)(ii) tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u l-Qorti għandha tirrespinġi l-eċċezzjoni tar-rikuża, prospettata kontriha mill-Avukat Ġenerali, u terġa' tiddiferixxi l-kawża, għall-istess skop ta' differiment tat-12 ta' Ġunju, għall-11 ta' Settembru, 1989.